28 ta' Ottubru, 1952
Imħallef :
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.
**Fortunato Petroni *versus* Carmelo Petroni**

## Benefiċċju tal-Foqra.

*Il-benefiċċju tal-Foqra ma għandux jingħata lil min irrenda ruħu fil-pożizzjoni li jista' jitlob dak il-benefiċċju għax ried, u sabiex ikun jista' jitolbu, b'detriment, forsi, tal-parti kuntrarja.*

*Il-konċessjoni ta' dan il-benefiċċju f'każ simili tkun annuwenza għall-aġir ftit rispettuż ta' min jitlob dak il-benefiċċju lejn il-liġi u lejn il-Qorti li tapplika l-liġi.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ippremetta li hu kien ftiehem mal-konvenut Carmelo Petroni fis-sens li dana Carmelo Petroni kellu jassenjalu b'titolu ta' partit makna tar-reboring u partita ta' 1312-il piston ta' qisien u kwalitajiet differenti kif elenkati fid-dok. B, bil-prezz miftiehem ta' £100 għall-makna tar-reboring u 4s. għal kull piston, u in kontrakkambju u bħala korrispettiv hu kellu jikkonsenja lill-konvenut kwantità ta' bulb-horns bil-prezz ta' 2s. 10d. il-waħda, u kwantità oħra ta' hose-pipes ta' tnax-il qies differenti ta' dijametru bil-prezzijiet differenti għal kull qies, kif indikat fid-dok. C, u kwalunkwe ekwiparazzjoni li talvolta setgħet tirriżulta dovuta lill-konvenut kellha titħallas bi flus; li kontemporaneament hu kkonkluda ma' ċertu Luigi Camenzuli negozju ieħor fis-sens illi hu jagħmel partit miegħu wkoll u jikkonsenjalu, lil dana Luigi Camenzuli, il-pistons kollha fuq imsemmija, barra minn 76 wieħed, li huwa kien sejjer jirċievi minn għand il-konvenut Carmelo Petroni, bil-prezz ta' 8s. il-wieħed, u in kontrakkambju hu kellu jirċievi minn għand dana Luigi Camenzuli 510 bulb-horns bil-prezz ta' 2s. 9d. il-wieħed, flimkien ma' kwantità ta' hose pipes ta' qisien ta' dijametru differenti u bil-prezzijiet kif indikati fid-dok. D u E, u d-differenza bejn il-valur tal-merkanzija l-attur kellu jirċeviha bi flus kontanti minn għand dana Luigi Camenzuli; illi l-partijiet kienu ftehmu li jagħmlu l-konsenja lil xulxin tal-merkanzija rispettiva fil-15 ta' Lulju 1950, u in segwitu, fuq talba tal-konvenut, din il-konsenja kellha ssir fis-17 ta' l-istess xahar; illi l-konvenut, malgrado l-protest li għamillu l-attur fit-18 ta' Lulju 1950, irrifjuta li jikkonsenja l-oġġetti li kellu jagħtih skond il-ftehim

kuntrattat bejniethom, u rrifjuta wkoll li jirċievi l-oġġetti li kien aċċetta li jieħu in permuta; minħabba f'dina l-inadempjenza da parti tal-konvenut hu lanqas ma seta' jeżegwixxi l-ftehim li kellu ma' Camenzuli, tant li dana, wara li kien ilu xahar jistennieh għall-eżekuzzjoni ta' dan il-ftehim, fil-21 ta' Awissu 1950 ipprefiġġielu terminu biex jaddivjeni għall-permuta fuq imsemmija li kien ikkuntratta miegħu, iżda hu baqa' inadempjenti, peress li l-konvenut kompla jirrifjuta jeżegwixxi min-naħa tiegħu l-ftehim u jikkonsenja, inter alia, il-pistons li hu kien wiegħed lil Camenzuli; meta għalhekk skada t-terminu prefiss fl-ittra uffiċjali, Luigi Camenzuli iddispona mill-oġġetti li kellhom ikunu l-oġġett tal-permuta, u hekk ġie sfrattat in-negozju kollu; u li b'hekk hu sofra diversi danni, tant peress li ried jaħdem bil-makna tar-reboring, kemm peress li tilef profitti oħra—danni kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, (1) il-konvenut jiġi dikjarat responsabili tad-danni li hu sofra minħabba l-inadempjenza tal-konvenut kif fuq imsemmi, (2) jiġi likwidat l-ammont ta' l-istess danni, likwidabili, okkorrendo, per mezz ta' periti nominandi, u (3) l-istess konvenut jiġi kundannat iħallsu dak l-ammont ta' danni li jiġi hekk likwidat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tat-18 ta' Lulju 1951, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta illi l-attur ma għandux dritt għall-patroċinju gratuwitu, billi jippossjedi aktar minn £25; u fil-meritu, illi l-operazzjoni "de quo" sfrattat tort ta' l-istess attur, billi l-hose-pipes ma kienux tat-tul miftiehem;

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni, wara li rat l-inkartament tal-proċeduri quddiem l-Avukat tal-Fqar, semgħet lill-attur bil-ġurament, u semgħet lid-difensuri;

Illi skond il-liġi, waħda mill-kondizzjonijiet neċessarji biex wieħed ikun jista' jaġixxi jew jiddefendi ruħu "in forma pauperis" hija illi, minbarra l-oġġett fil-kawża, ma jkollu ebda xorta ta' proprjetà, bla ma jitqiesu l-ilbiesi ta' kuljum, illi, mingħajr ma jitnaqqsu d-djun li jista' jkun hemm fuq il-proprjetà, tiswa £25 (art. 915 (b) Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Illi, kif jirriżulta mill-inkartament tal-proċeduri quddiem

l-Avukat tal-Fqar, meta l-attur għamel it-talba biex ikun jista' jipproċedi "in forma pauperis", huwa kellu kemm jiswew iżjed minn £25, għaliex kien jippossjedi oġġetti mobili li jiswew aktar minn £25; u spjega illi, meta ħa l-ġurament dwar il-proprjetà li jippossjedi, irriferixxa ruħu biss għall-flus. Meta mbagħad ra li għal dik ir-raġuni ma setax jottjeni l-benefiċċju tal-patroċinju gratuwitu, għamel favur uliedu Carmelina, Maria Rosaria u Annie, donazzjoni ta' dawk l-oġġetti mobili li huma ndikati fid-dokumenti ndikati fl-att tad-donazzjoni in atti Dottor John Tabone Adami tat-12 ta Marzu 1952, u reġa' deher quddiem l-Avukat tal-Fqar, u reġa' ħalef li barra l-ħwejjeġ ta' lbies, u bla tnaqqis tad-djun, ma għandux b'kemm jiswew £25;

Illi fiċ-ċirkustanzi fuq indikati l-benefiċċju tal-gratuwitu patroċinju ma għandux jiġi konċess lill-attur; mhux tant għaliex huwa rrenda ruħu fil-kondizzjoni li jitolbu għaliex ried u sabiex ikun jista' jitolbu, b'detriment forsi tal-konvenut, kemm il-għaliex, kieku kellu jiġi konċess f'ċirkustanzi simili, tkun qiegħda ssir annuwenza għall-aġir ftit rispettuż lejn il-liġi u lejn il-Qorti li tapplikaha;

Illi skond il-liġi, il-Qorti għandha tneħħi l-imsemmi benefiċċju, f'kull waqt tal-kawża, meta jirriżulta li l-parti ma għandhiex dritt għalih, u tikkundanna lill-istess parti għall-ispejjeż; u tista' wkoll tikkundannah bħala ħati ta' disprezz għall-awtorità tagħha, bla ħsara ta' pieni oħra akbar li għalihom dik il-parti tista' teħel fil-każ ta' ġurament falz (art. 925 (1) (2) Kodiċi ċitat);

Illi fil-każ partikulari, kunsidrati sewwa ċ-ċirkustanzi, l-attur għandu jiġi privat mill-benefiċċju, u jħallas l-ispejjeż relativi għall-inċident; iżda ma jidherx, dejjem fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, li hemm lok ukoll għall-applikazzjoni tal-pieni l-oħra;

Għall-motivi premessi;

Tneħħi lill-attur il-benefiċċju li jipproċedi "in forma pauperis", u tordna illi l-ispejjeż relativi għall-inċident jitħallsu minn għandu.